# Kunsill Lokali Birgu

**Head Office** - Couvre Porte - Birgu BRG 1810 Tel : 21662166 Fax : 21662266
**Front Office** – Auberge d'Angleterre, Triq il-Majjistral., Birgu BRG 1270 Tel/Fax: 21802707
e.mail : birgu.lc@gov.mt website : www.birgu.gov.mt


7 ta' Novembru 2009

## Minuti tal-Laqgha Numru 35(05)

Il-Kunsill Lokali tal-Birgu iltaqa' għal-laqgħa numru 35(05) fl-Uffiċini Amministrattivi tal-Kunsill f'Couvre Porte nhar it-Tlieta 27 t'Ottubru, 2009 fis-6:00 ta' filgħaxija.

**Prezenti**

Is-Sur John Boxall – Sindku, Is-Sinjura Miriam Grech – Kunsilliera u s-Sinjura Judith Saliba - Kunsilliera

Il-Vici Sindku s-Sur Christopher Cassar inghaqad ghall-laqgha fis-6.30 ta' filghaxija, filwaqt li l-Kunsillier Ivan Peresso kien skuzat minhabba ragunijiet ta' xoghol.

Ippresieda is-sur John Boxall.

**Talba**

Is-Sur John Boxall - Sindku, qal it-talba u ta bidu għal din il-laqgħa.

1. **Qari u Approvazzjoni tal-Minuti**

Item 1.2 (33/05) CCTV Camera
Dwar item 1.2(33/05), is-Sindku informa lill-Kunsilliera prezenti li s-CCTV camera fejn il-Bring In site ta' Triq il-Mandragg giet installata. Rigward is-CCTV camera f'Misrah ir-Rebha s-Sindku qal li hemm naqra problema mall-kuntrattur responsabbli minnha izda s-sitwazzjoni qed tigi kkontrollata mill-pulizija.

1.2 Item 1.3 (33/05), ftuh ta' ufficcju informattiv ghat-turisti fil-Birgu

Is-Sindku qal li l-Kunsill ghadu qieghed jistenna risposta min-naha ta' l-Awtorita' Maltija ghat-Turizmu.

1.3 Dwar item 2.1 (33/05), konferenza 'L-Istilla tal-Paci' ta' l-Assoccjazzjoni ta' l-Ibliet Storici fil-Mediterran. Is-Sur John Boxall, Sindku qal li l-Eccellenza tieghu Fra John Critien, accetta verbalment l-istedina tal-Kunsill sabiex jippartecipa f'din il-konferenza. Hawnhekk is-Sindku ssuggerixxa sabiex tintbaghat korrispondenza bil-miktub sabiex l-Eccellenza tieghu Fra John Critien jigi mistieden li jattendi ghal din il-konferenza. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

1.4 Item 2.3 (33/05), bins ghall-Iskola Primarja Santu Rokku

Is-Sindku qal li minhabba s-sitwazzjoni finanzjarja dawn it-tnax-il bin mhumiex ser jinxtraw ghalissa.

1.5 Dwar item 2.7 (33/05), il-ktieb 'Survivors' ta' Joe P Smith

Is-Sur John Boxall, is-Sindku nforma lill-kunsilliera prezenti li l-prezentazzjoni ufficcjali ta' dan il-ktieb saret il-Gimgha 23 t'Ottubru, 2009. Is-Sindku zied jghid li l-prezentazzjoni lill-anzjani li jidhru f'dan il-ktieb jew lill-familjari taghhom ser issir nhar il-Gimgha 6 ta' Novembru, 2009. Is-Sur John Boxall, Sindku qal li l-Cottonera Watefront Group offriet Caraffa Stores sabiex il-presentazzjoni titella' hemm. Hawnhekk is-Sindku ssuggerixxa li ghal din l-okkazzjoni, l-Kunsill jaghmel riceviment. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

1.6 Item 2.8 (33/05) – Skema 'Fondi Specjali ghall-lokalitajiet bi bzonnijiet specjali'

Is-Sindku nforma lil Kunsilliera prezenti li s-Sinjorina Giorgina Mallia, rapprezentanta tal-bord ta' l-evalwazzjoni ta' l-iskema 'Fondi Specjali ghall-lokalitajiet bi bzonnijiet specjali' nfurmat lill-Kunsill li l-bord ghazel il-lokalitajiet li nghataw l-ghajnuna finanzjarja fuq dawn l-erbgha kriterji: bliet kapitali, zoni turistici, lokalitajiet bi bzonnijiet specjali (tindif kif ukoll pizijiet zejda fuq il-lokalita') u lokalitajiet centrali.

1.7 Item 1.1 (34/05) L-impjieg fuq bazi part-time tas-Sinjura Moira Azzopardi

Is-Sur John Boxall, Sindku, qal li s-Sinjura Moira Azzopardi giet impjegata mall-Kunsill Lokali tal-Birgu mis-7 t'Ottubru 2009 bhala skrivana fuq bazi part-time u s'issa sejra tajjeb hafna.



John Boxall - Sindku, Christopher Cassar - Vici Sindku,

Miriam Grech – Kunsilliera, Ivan Peresso – Kunsillier, Judith Saliba - Kunsilliera

Christine Bonello – Segretarja Ezekuttiva

## 2. Korrispondenza.

Is-Sindku, s-Sur John Boxall, nforma lill-Kunsilliera prezenti li l-applikazzjoni tal-Kunsill ghall-progett tal-lift, giet ikkunsidrata elegibbli ghall-fondi taht l-iskema accessibilita' ahjar fil-lokalitajiet mahruga mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali. Is-Sindku zied jghid li l-Kunsill ser jibbenefika mis-somma ta' Euro10,000 f'ghajnuna finanzjarja ghall-progett li jqum Euro56,484.98.

Barra minn hekk, is-Sindku zied jghid li l-MEPA ma approvatx dan l-imsemmi progett.

2.2 Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera li s-Sinjorina Fiorella Scicluna, ex-impjegata mall-Kunsill Lokali tal-Birgu fethet kawza kontra l-istess Kunsill fejn qed titlob hlas ta' Eur372.70 dovut bhala performance bonus minimu ta' 3%. Is-Sindku qal li ttiehed parir minghand l-avukata tal-Kunsill Dr Ingrid Zammit Young sabiex jsir kontro-protest u dan minhabba l-fatt li s-Sinjorina Fiorella Scicluna ma hadmitx in-notice period u ghaldaqstant, hi trid taghti lill-Kunsill u mhux il-kontra.

2.3 Ittra mill-Onor. Chris Said, Segretarju Parlamentari ghall-Konsultazzjoni Pubblika u l-Informazzjoni fejn informa lill-Kunsill Lokali tal-Birgu li l-applikazzjoni ghall-ghajnuna fil-ko-finanzjament tal-progett Oralities giet meqjusa bhala eligibbli ghall-ghajnuna mill-Fond ta' Ko-finanzjament u l-istess Kunsill ser jinghata allokazzjoni ta' Eur26,080.

2.4 Is-Sur John Boxall, Sindku, qal li l-Bord ta' l-Evalwazzjoni fi hdan id-Dipartiment tal-Gvern Lokali approva l-ammont ta' Eur600 ghall-Inizjattiva Premju Lokalitajiet Indaf ghal inizjattiva li ttellghet mill-Kunsill Lokali tal-Birgu bil-kollaborazzjoni tal-Vittoriosa Stars Youth Nursery nhar is-Sibt 17 t'Ottubru, 2009 fejn tnaddaf 'Gnien il-Kunsill', il-post maghruf ahjar bhala l-Foss.

2.5 Korrispondenza minghand is-Sur Noel Castillo, Direttur tal-kumpanija Leon Promotions, fejn informa lill-Kunsill li wara c-cirkostanzi li nqalghu l-Gimgha 9 t'Ottubru, 2009 waqt l-attivita' tal-Birgufest 2009, ma kienx ser jaghti iktar is-servizz tieghu matul il-kumplament tal-jiem tal-Festival, jigifieri s-Sibt 10 u l-Hadd 11 t'Ottubru, 2009. Wara diskussjoni il-kunsilliera prezenti qablu unanimament li s-Sur Castillo ghandu jithallas Eur800 minflok Eur1,100 ghax-xoghol li sar inkonessjoni ma' l-organizazzjoni tal-Birgufest 2009 u l-attivita' tal-Gimgha 9 t'Ottubru, 2009.

2.6 Ittra minghand is-Sur Glen Scicluna, Segretarju ta' l-Ghaqda Filarmonika Prince of Wales Own, fejn ghan-nom tal-kumitat wera dizappunt ghal fatt li l-ebda membru tal-Kunsill m'attenda ghaz-zewg stediniet li l-Kumitat ghamel, fosthom ir-riceviment tal-festa u l-programm muzikali ta' lejlet il-festa u ghaldaqstant talab sabiex issir laqgha mall-Kunsill sabiex jigu ccarati l-affarijiet li jirrigwardjaw is-servizz ta' din l-ghaqda. Wara diskussjoni s-Sindku ssuggerixxa sabiex il-Kunsill jilqa' din it-talba u jsejjah laqgha ma' dan il-kumitat. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.7 Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera prezenti li s-Sinjura Lisa Grech, residenti l-Birgu, xtaqet li jsir progett ghall-manutenzjoni u t-tisbieh tal-bandli tal-Birgu, sabiex ikunu sikuri. Haenhekk, is-Sindku zied jghid li saret anke laqgha mall-Perit tal-Kunsill, l-Perit Mark John Scicluna dwar dan l-imsemmi progett.

2.8 Is-Sur John Boxall, Sindku, pprezenta kopja tad-dokument ta' ftehim bejn l-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar (MEPA) u l-Kunsill Lokali tal-Birgu ghal progett ta' xoghlijiet ta' twahhil ta' dawl gdid energy saving u anti-pollution fuq Tal-Hawli taht l-iskema UIF, fejn mill-liema skema l-Kunsill ser jibbenefika s-somma ta' Eur5,241.

2.9 Is-Sindku pprezenta l-applikazzjoni tal-Kunsill Lokali tal-Birgu fi hdan l-iskema ghal inizjattivi sportivi mahruga mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali.

2.10 Is-Sur John Boxall, Sindku, informa lill-Kunsilliera li s-Sur Julian Azzopardi, direttur tal-kumpanija J & C Construction, Excavation and Trenching Works, wara l-kaz li ghadu pendenti l-qorti, ghamel mandat ta' sekwestru kontra l-Kunsill Lokali tal-Birgu. Is-Sindku spjega lill-kunsilliera s-sitwazzjoni prezenti u wara parir, gejna nfurmati, li kaz ta' sekwestru qatt ma jista' jsir kontra Kunsill. Ghaldaqstant, is-Sindku qal li Dr Neville Camilleri dahal kontro-protest, liema gie accettat mill-Qorti u l-flus ser jigu rilaxxati.

2.11 Ittra minghand is-Sinjura Tunde Kallai fejn talbet lill-Kunsill Lokali tal-Birgu sabiex jissieheb fil-progett 'Model for the Integrated Management of Emerging Tourism Destinations' (MOMFE) taht is-sejha ENPI. Is-Sindku zied jghid li fl-istess waqt il-Kunsill ircieva korrispondenza minghand kumpanija privata fejn infurmat li s-Sinjura Tunde Kallai hija frodi. Is-Sindku zied jghid li wara parir mill-Avukat tal-Kunsill Dr Ingrid Zammit Young, id-dokumentazzjoni inkonnessjoni ma' dan il-progett intbaghtet xorta u ssuggerixxa li jekk kemm-il darba dak mibghut huwa veru, l-Kunsill jiddissocja ruhu totalment minn dan il-progett. Hawnhekk is-Sindku ssuggerixxa li tintbaghat ittra lis-Sinjura Tunde Kallai fejn il-Kunsill jinfurma li ha nota ta' dak mibghut izda l-Kunsill ghandu fiducja fiha, biss jinsab preokkupat u jekk jinstab li dak mibghut hija l-verita', l-Kunsill Lokali tal-Birgu jiddissocja ruhu totalment minn dan il-progett. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.12 Ittra minghand is-Sur Rui Arimatea, kordinatur tal-progett Oralities fejn informa lill-Kunsilli partecipanti f'dan il-progett dwar il-proposta tal-Belt ta' Ravenna sabiex tittella' esebizzjoni fotografika tal-pajjizi partecipanti, liema esebizzjoni tigi ntrodotta fil-Belt ta' Ravenna, u wara ddur l-ibliet kollha membri f'dan il-progett. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.13 Talba minghand il-kumpanija Mifsud Garage fejn talbu l-permess lill-Kunsill sabiex iwahhlu zewg tabelli bir-reklam tal-hanut, ezattament fi Triq San Lawrenz, hdejn il-Monument tal-Helsien, man-naha tal-Muzew Marittimu. Dwar dan kien hemm qbil unanimu sabiex jinghata l-permess mehtieg.

2.14 Is-Sindku, s-Sur John Boxall, pprezenta kopja tal-ftehim bejn il-Kunsill Malti ghall-Isport u l-Kunsill Lokali tal-Birgu ghal UEFA mini pitch li gie nstallat fl-Iskola Primarja Santu Rokku.

2.15 Is-Sur John Boxall, Sindku, informa lill-Kunsilliera prezenti li l-applikazzjoni tal-Kunsill ghall-'Green Challenge Award' bil-progett 'MedCOAST.net' u l-applikazzjoni ghall-'Local Enterprise Award' bil-progett ta' l-attivitajiet kulturali organizzati mill-kunsill gew ikkunsidrati t-tnejn bhala eligibbli u huma finalisti ghaz-sewg skemi.

2.16 Is-Sindku qal li l-Kunsill Lokali tal-Birgu gie avvicinat mis-Sur Manos Vougioukas, Direttur tal-kumpanija Eurotrans Consulting Ltd, sabiex il-Kunsill jissieheb fil-progett 'Mediterranean Cooperation on Sustainable Management of Urban Coastal areas' taht is-sejha tal-programmi MED ENPI CBC. Is-sindku zied jghid li l-lead partner ta' dan il-progett ser ikun il-Kunsill ta' Agria fil-Grecja u l-ko-finanzjament ser ikun ta 90%. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.17 Is-Sindku pprezenta ittra mibghuta lil Onorevoli Chris Said, Segretarju Parlamentari ghad-Djalogu Pubbliku u l-Informazzjoni, fejn il-Kunsill infurmah li l-Fondazzjoni Wirt Artna giet mitluba sabiex fil-jiem tal-Birgufest 2009, ix-shelters tat-Tieni Gwerra Dinjija kienu maghluqin, minkejja it-talba li saret lill-istess Fondazzjoni.

2.18 Is-Sindku, is-Sur John Boxall, qal li l-Kunsill Lokali tal-Birgu gie avvicinat mill-Fondazzjoni Temi Zammit sabiex jissieheb fil-progett 'Mediterranean net of cultural tourism' taht is-sejha tal-programm MED ENPI CBC. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.19 Is-Sindku pprezenta rapport dwar l-efficcjenza tal-Kunsilli Lokali, is-Sindku qal li l-Kunsill Lokali tal-Birgu qabez il-marka medja.

## 3. <u>Rendikont ta' l-attivita' tal-Birgufest 2009</u>

Is-Sur John Boxall, Sindku, pprezenta rendikont ta' l-attivita' tal-Birgufest 2009. Is-Sindku qal li l-ispejjez totali ghal din l-attivita' telghu ghal Eur18,326.05 izda l-Kunsill ircieva Eur16,600 bhala donazzjonijiet ghal dan il-festival. Ghaldaqstant ghal dan il-festival il-Kunsill nefaq biss Eur1,726.05.

## 4. <u>L-attivita' 'Festival ta' Loghob Tradizzjonali Malti'</u>

Is-Sindku ta rendikont tal-preparamenti kollha li qeghdin isiru ghall-attivita' tal-Festival tal-Loghob Tradizzjonali Malti, liema festival ser isir bil-kollaborazzjoni ta' Heritage Malta, bl-ghajnuna tas-Segretarjat Parlamentari ghad-Djalogu Pubbliku u l-Informazzjoni u li ser issir nhar il-Hadd 15 ta' Novembru, 2009.

## 5. Gnien Fuq tal-Hawli

Il-Kunsilliera Miriam Grech stqarret li xi residenti li joqoghdu fiz-zona ta' Fuq tal-Hawli, ilmentaaw ghal fatt li ma jafux x'qieghed jigri mill-progett tal-Gnien Fuq tal-Hawli u ghaldaqstant issuggeriet sabiex tintbaghat ittra lir-residenti ta' din iz-zona dwar is-sitwazzjoni. Is-Sindku, s-Sur John Boxall, ta spjegazzjoni ta' dan il- progett.

## 6. Rendikont dwar il-konferenza tal-Walled Towns Friendship Circle

Il-Kunsilliera Miriam Grech tat rendikont dwar il-Konferenza tal-Walled Towns Friendship Circle fejn gie elett il-President il-gdid ta' din l-assoccjazzjoni. Il-Kunsilliera Miriam Grech issuggeriet sabiex fil-konferenza generali li jmiss il-Kunsill Lokali tal-Birgu jaghmel prezentazzjoni fuq il-Birgu u fuq is-swar ta' din il-Belt.

Is-Sindku, s-Sur John Boxall, issekonda u dwar dan kien hemm qbil unanimu.

## 7. Harga ghall-anzjani

Il-Kunsilliera Judith Saliba ssuggeriet sabiex nhar l-Erbgha 25 ta' Novembru, l-Kunsill Lokali tal-Birgu jorganizza harga kulturali fil-Mellieha fejn ikun hemm quddiesa fis-Santwarju tal-Madonna, zjara fil-Muzew tat-Tunnara u s-sit ta' l-Agri Turizmu fejn hemm isir ikla tradizzjonali Maltija bi prezz ta' Eur6. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

## 8. Affarijiet ohra

Is-Sindku, s-Sur John Boxall, qal li l-perjodu ta' probazzjoni tas-Sinjorina Anthea Vella, skrivana mall-Kunsill Lokali tal-Birgu ghadda.

8.2 Is-Sindku ressaq ghall-approvazzjoni tal-Kunsill, il-lista ta' pagamenti dovuti mill-Kunsill. Wara diskussjoni, is-Sindku ppropona sabiex din il-lista tigi approvata. Is-sur Christopher Cassar, Vici Sindku, ssekonda u dwar dan kien hemm qbil unanimu.

Il-laqgha ntemmet fid-9 ta' filghaxija.

______________________________ ______________________________

Christine Bonello ikkonfermati John Boxall
Segretarja Ezekuttiva Sindku